**1.** Serduq b'munqaru
il-bieb tal-lejl iħabbat:
"Ja dawl fis oħroġ!"

**1.** *The door of the night;
a cock knocks with his beak:
come forth, o light!*

**2.** Qatt qatt ma jixbgħu
żewġ pepriniet jitbewsu
fit-tarf tal-għalqa.

**2.** *Never, never tired!
Two poppies kissing each other
at the edge of the field.*

**3.** Żarġun mid-dielja
miżbur u fuq ħajt mormi
ħareġ nibbieta.

**3.** *The stems pruned
from the vine thrown away on the field wall
are budding again.*

**4.** Vjola ċkejkuna
li qtajt – rebbiegħa sħiħa
inti f'idejja!

**4.** *Little violet
that I picked – you are a whole
spring in my hands.*

**5.** Weraq imwaqqa' ...
il-ħaxix ġdid minn bejnu
itella rasu.

**5.** *Fallen leaves ...
the new grass lifts its head
from amongst them*
.

**6.** Bejta tal-lifa
taħt ġebla, kollha sħana
u kollha mħabba.

**6.** *A viper's nest
under a stone – full of warmth,
full of love.*

**7.** Fuq komodina
żewġ tuffieħiet misjura
qed jistennewni.

**7.** *On my bed table
two apples waiting
for me to wake up.*

**8.** It-tfajjel nefaq
żewġ soldi u xtara tajra,
u tela' s-sema.

**8.** *A boy spent two pence,
on a kite,
and ascended into the sky.*

**9.** Baħar tal-biża',
fuq ras ta' ħalla għolja
hemm tapp tas-sufra.

**9.** *A terrific sea
on the crest of a huge billow
a cork bobs.*

**10.** Qatgħa ta’ gawwi,
bħal żigarella bajda
fuq il-mewġ tperper.

**10.** *A small flock of seagulls:*
*a white ribbon*
*fluttering on the waves.*

**11.** Biss sitt kewbiet
fis-sema; ġewwa r-raħal
biss sitt fanali.

**11.** *Only six stars*
*in the sky; only six lamps*
*in the village.*

**12.** F’kull post ta’ Malta
il-wiċċ tal-pal tal-bajtar
iħares lejja.

**12.** *In every place in Malta*
*the faces of the prickly pears*
*stares at me.*

**13.** Madonna sbejħa
bl-għanqbut nofsha mgħottija
ġewwa dar fqira.

**13.** *A beautiful Madonna*
*half covered with cobwebs*
*in a poor house.*

**14.** F’siġra bla weraq
għasfur qed jgħanni l-għanja:
“Darba kien hemm ...”

**14.** *On a leafless tree*
*a bird is singing the song:*
*“There was once”...*

**15.** O narċis ikber!
it-tfal jistennewk ħafna
lilek ħa jbigħuk.

**15.** *Grow up, narcissus!*
*the boys are waiting for you*
*to pick you and sell you.*

**16.** Dalma tal-biża’,
inbiħ ta’ klieb imgħaddba:
poeti żgħażagħ.

**16.** *A terrible darkness*
*the barking of angry dogs:*
*young poets.*

**17.** Tgħid il-ġurdiena:
“għaliex bil-fors iridu
joqtlu ’l uliedi?”

**17.** *Says the female rat:*
*“why are they always trying*
*to kill my children?”*

**18.** Il-ħmar fix-xita …
u kull ma seta’ jagħmel
widnejh idendel.

**18.** *The donkey in the rain*
*the only thing he could do was*
*to hang down his ears.*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **19.** | Ġiet ir-rebbiegħa<br>imdejqa u kelha tieħu<br>il-purple heart pills. | **19.** | *Spring arrived<br>full of dejection, and had to take<br>the purple heart pills.* |
| **20.** | Mulej minn flokok<br>għandna biex ifarrġuna<br>is-sedattivi. | **20.** | *Instead of you, o Lord,<br>to comfort us we have<br>the tranquillisers.* |
| **21.** | Sema xebbieni<br>biex juri li lwien għandu<br>għamel qawsalla. | **21.** | *The grey sky,<br>to show that he has colours,<br>put forth a rainbow.* |
| **22.** | Biex it-tfal jiġu<br>ħdejk, baħar, toqgħod tagħmel<br>iċ-ċgħaq imlewwen. | **22.** | *To entice children<br>towards you, o sea, you make<br>colourful pebbles.* |
| **23.** | L-arloġġ int tqisu<br>ja żmien, bħal għadu tiegħek<br>int ukoll tkissru. | **23.** | *O time you spate<br>the clock is your enemy<br>you destroy it too!* |
| **24.** | L-arloġġ inkiser<br>ja żmien, ieqaf almenu<br>kemm lilu nsewwi. | **24.** | *I broke my watch;<br>o time, stop at least<br>until I repair it!* |
| **25.** | Il-lejl qattajna<br>ja żmien, nimxu weħidna<br>it-tnejn bil-krozzi. | **25.** | *O time we spent<br>the night walking together,<br>both of us on crutches.* |
| **26.** | Le, mhux biżżejjed<br>ja ġewża l-ġewż tagħtini,<br>ġib biex inkissru! | **26.** | *It is not enough<br>o nut tree, to give me your fruit<br>give me a nut-cracker too!* |
| **27.** | Tbid il-patata<br>ġo l-għalqa bħat-tiġieġa,<br>'mma bla ma tqaqi. | **27.** | *The potato plant<br>lays eggs in the field like a hen,<br>but without cackling.* |

**28.** Għalfejn qed tħabbat,
ja xita fuq it-tieqa?
ma rridx niftaħlek!

**28.** *Why are you knocking,*
*o rain, at my window?*
*I won't let you in!*

**29.** Raħal bi ġrajja
waħda kull jum: fil-għaxra
il-merħla tgħaddi.

**29.** *A hamlet with a*
*daily event: when*
*a flock pass by.*

**30.** Ix-xemx fix-xefaq;
tliet sħabiet qed iqimu
bħas-Slaten Maġi.

**30.** *The sun setting;*
*three clouds adore*
*like the three Magi.*

**31.** Sabiħa żżejjed
ja warda; ma flaħtx ġmielek,
u ġejt u qtajtek.

**31.** *Unbearably beautiful*
*o flower; I couldn't*
*but come and pick you.*

**32.** Idea t'Alla
il-ġnien, b'idea għamilt
lill-ewwel wieħed.

**32.** *You should know that garden*
*is God's idea;*
*He made the first one.*

**33.** Il-kaktus fqajjar
lir-riħ qed jgħid fix-xtajta:
"xi trid teħodli?"

**33.** *The poor cactus*
*on the sea rocks says to the wind:*
*what can you take from me?*

**34.** Taċ-ċentufolju
ir-riħ għadd il-mitt folja
qabel ma rmiehom.

**34.** *The wind counted*
*the hundred petals of the Mayrose*
*before throwing them away.*

**35.** Ir-riħ ivenven;
għaliex tistaqsi lilu;
ħallih ivenven!

**35.** *The wind is blowing;*
*don't ask it why:*
*just let it blow.*

**36.** Mara maħmuġa
u kerha quddiem niċċa:
xi ħlew ta' talba!

**36.** *A shabby ugly*
*woman before a shrine;*
*what a beautiful prayer!*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **37.** | Kemm huma bojod<br>qalb iċ-ċipress is-slaleb!<br>kemm huma bojod! | **37.** | *How white are the crosses<br>among the cypress tree!<br>how white they are!* |
| **38.** | Feġġejt, ja qamar<br>bil-wiċċ ta' tifel ċkejken;<br>għalaqthom l-għaxra? | **38.** | *O moon, you looked out<br>with the face of a young boy:<br>how old are you?* |
| **39.** | Għand il-barbier:<br>il-mus fil-leħja jobwa,<br>u kanar jgħanni. | **39.** | *At the barber's shop:<br>razors and scissors,<br>and a canary singing.* |
| **40.** | Sema tad-deheb:<br>li kelli narak ġejja<br>minnu għal ħdejja! | **40.** | *A golden sky:<br>oh! if I could see you coming<br>back from it!* |
| **41.** | Mara pastasa,<br>in-naspla traxxax fuqha<br>iżżejjed fwieħa. | **41.** | *A rude woman:<br>the medlar showers upon herdelf<br>too much perfume.* |
| **42.** | Qalbi bħal pupa:<br>qdiemet, imma baqgħet dejjem<br>bil-wiċċ ta' pupa. | **42.** | *My heart is like a dool:<br>they both got old<br>but kept a young face.* |
| **43.** | Fin-nofs ta' siġra<br>mimlija weraq aħdar<br>hemm bejta vojta. | **43.** | *In the midst of a tree<br>full of green leaves<br>there is an empty nest.* |
| **44.** | Żomm ieqaf stenna!<br>id-dar ħa' nerġa' lura<br>għax insejt snieni! | **44.** | *Stop and wait for me:<br>I must go back home<br>for I gorgot my teeth.* |
| **45.** | Immut nixtieqha<br>bħax-xemx waqt illi nisma'<br>lill-bilbla tgħanni. | **45.** | *I wish to die<br>like the sun whilst listening<br>to the song of the skylark.* |

**46.** Għolja miksija
bil-pin ilkoll igħajtu
f'rivoluzzjoni.

**46.** *A hill covered*
*with pine trees all shouting*
*in a revolution.*

**47.** Agħtuni mrewwaħ
impittra tnejn, u nagħmel
farfett mill-isbaħ.

**47.** *Give me two painted*
*ladies' fans and I'll make*
*a beautiful butterfly.*

**48.** Farfett li ntilef
ġol-belt bil-ħerqa jfittex
it-triq għall-beraħ.

**48.** *A butterfly lost*
*in the city eagerly searching*
*for a road to the country.*

**49.** Fin-nofs il-knisja
il-mejjet; tifel jilgħab
bil-ġugarelli.

**49.** *A corpse in the middle*
*of the church; a child playing*
*beside with a toy.*

**50.** Ta' 'U' fil-forma
b'ras naħa u denbu fl-oħra,
is-serduk jgħanni.

**50.** *"U" shaped, with his head*
*on one side, his tail on the other,*
*the cock crows.*